# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Tlieta**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta’ Novembru 2020**

**Rikors Numru 201/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph Ciantar**

**Vs**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta’ Ottubru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi l-esponenti flimkien ma' persuna oħra u ċioe' Alexander Ciantar kienu ġew akkużati illi ċirca xi snin qabel l-elf disgħa mija u erbgħa u tmenin (1984) kienu appropjaw ruħhom billi dawru bi profitt għalihom jew għal xi persuna oħra ammont ta' flus u oġġetti u anke billi b'mezzi kontra l-liġi għamlu qliegħ illegali u dan għad-dannu tal-kumpanija Mabrouk Limited. Illi sussegwentement għal proċeduri kriminali ġew istitwiti anke proċeduri ċivili fil-konfront tal-istess esponenti u Alexander Ciantar. Illi kemm il-proċeduri kriminali kif ukoll il-proċeduri ċivili ħadu diversi snin [iktar minn għoxrin sena] sabiex jiġu deċiżi u dan għad-dannu tal-istess esponent illi ma kellu l-ebda tort jew ħtija fid-dewmien ta' tali proċeduri;*

*Illi d-dritt għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Illi huwa dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata fi żmien raġovenoli, liema dritt huwa tassattivament imponut fuq kull Stat. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ Vocaturo vs Italy deċiża fl-24 ta' Mejju tas-sena 1991 u fil-każ G.H vs Austria deċiża fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2000 irriteniet:*

> *"'If is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time".*

*Illi dan irid jittieħed fil-kuntest ta' dak li jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "Major Manduca vs* ***Il-Prim Ministru",*** *mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995, fejn hemm ukoll referenza għall-insenjament tal-ktieb ta'* ***Van Dyke and CJF Van Hoof*** *li jipprovdi li:*

> *Over burdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contracting parties have the general duty to organize the administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of article 6'.*

*Illi hawn huwa opportun li jirreferi għal dak li ġie ritenut fis-sentenza "John Saliba vs Avukat Ġenerali et" (P.A. [SX] [GCD] Rik. Nru. 625/97/GCD - 24 ta' April 1998):*

> *"Ghalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta ż-żmien jibda jitqies bħala twil iżżejjed, għax 'the reasonable of the duration of proceedings covered by Art. 6 [...] must be assessed in each case according to the circumstances'[Konig vs Germany], madanakollu meta ż-żmien prima facie jidher twil, bħal ma indubbjament huwa fil-każ tal-lum, ikun imiss għall-istat intimat li juri li kien hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw dan id-dewmien (Santilli vs Italy, 19 ta' Frar 1991 [ECHR -A 194-D])".*

*Illi inoltre fis-sentenza datata 14 ta' Novembru tas-sena 2002, fl-ismijiet Central Mediterranean Development Corporation Ltd vs Avukat Ġenerali, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u awturi barranin li saħqu li sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux raġonevoli, hemm bżonn li jiġu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:*

*(a) il-komplessita' tal-każ;*
*(b) l-imġieba tal-Qorti;*
*(c) l-imġieba ta' min ikun qed jagħmel il-lament.*

*Illi meta wieħed iqiegħed iċ-ċirkostanzi tal-każ u ż-żmien rilevanti għal ilment tal-esponenti u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq msemmija, wieħed ma jistax jasal għal fehma li kien hemm dewmien ġustifikabbli fis-smigħ ta' dan il-każ jew li tali dewmien kien attribwibbli lir-rikorrenti. Iż-żmien meħud biex effettivament wassal sabiex ir-rikorrenti ingħata sentenza kien wieħed li ċertament jaqbeż iż-żminijiet li normalment jittieħed biex Qorti tiddisponi minn każijiet simili.*

*Għaldaqtstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *TIDDIKJARA illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi kemm il-proċeduri kriminali u kemm dawk ċivili surreferiti, leda d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tiegħu, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *TAKKORDA rimedju effettiv u tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u neċessarji sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn fuq indikat.*

2. Rat illi fil-5 ta’ Novembru 2019 l-**Avukat Ġenerali** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi r-rikors kostituzzjonali jirrigwarda lanjanza dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba allegat dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kemm ċivili kif ukoll kriminali fejn hemm involut r-rikorrent Ciantar.*

1. *Illi qabel xejn ir-rikorrenti għandu jispeċifika liema eżattament huma l-proċeduri kriminali u ċivili mertu ta' din l-kawża ġialadarba fir-rikors promotur m'hemm l-ebda dettal ta' xejn dwar dan ħlief li hemm involuta kumpanija Mabrouk Limited. F'din il-qagħda huwa diffiċili għall-esponent iwieġeb speċifikatament dwar jekk kienx hemm verament dewmien u jekk dan id-dewmien kienx ġustifikat jew le u fuq kollox min għandu jerfa’ r-responsabbilita' ta' dan l-allegat dewmien.*

2. *Illi huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta’ proċess eċċediex il-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli huma l-komplessita’ tal-każ, l-aġir tal-*

*partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja. Għalhekk, skond il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

3. *Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

4. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skond il-Liġi.*

5. *Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li mill-assjem tal-proċeduri kriminali u ċivili in deżamina għalkemm il-każijiet ħadu numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli.*

6. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal-smiegħ xieraq.*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

8. *Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2019 l-Qorti appuntat ir-Rikors Kostituzzjonali għas-smiegħ għas-7 ta' Novembru 2019.

4. Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019, deher r-rikorrent assistit u l-Qorti ġiet mgħarrfa illi r-rikorrent ried żmien sabiex jippreżenta l-affidavit tiegħu.

5. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2019, ġie ppreżentat l-affidavit tar-rikorrent, **Joseph Ciantar**, mingħajr ebda dokumentazzjoni. (fol 12)

6. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2020, ir-rikorrent talab differiment għax ma setax jiġi assistit legalment minħabba f'impenji tal-konsulent legali tiegħu.

7. Rat illi fis-7 ta' Mejju 2020, is-seduta ma setgħetx issir minħabba fl-egħluq tal-Qrati riżultat tal-Pandemija Covid-19.

8. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2020, deher il-konsulent legali tar-rikorrenti li għarraf lill-Qorti li fadallhom jippreżentaw provi dokumentarji.

9. Rat illi fl-14 ta' Lulju 2020, reġa' deher il-konsulent legali tar-rikorrenti u għarraf lill-Qorti li kellu bżonn aktar ħin sabiex jippreżenta l-provi dokmentarji minnu msemmija preċendentement.

10. Rat illi fit-23 ta' Settembru 2020, ir-rikorrent ppreżenta rikors fejn għarraf lill-Qorti li, "*m'għandux aktar provi għajr nota b'sett ta' dokumenti li se jkun qiegħed jippreżenta fir-reġistru ta' din il-Qorti fi żmien ġimgħa millum.*"

11. Rat illi fit-23 ta' Settembru 2020, il-Qorti pproċediet biex iddikjarat il-provi rikorrenti magħluqa.

12. Rat illi fit-12 ta' Novembru 2020, l-intimat għarraf illi, stante li r-rikorrent ma ressaq ebda provi dokumentarji, huwa ma għandu ebda provi x'iressaq.

13. Rat illi, għalkemm indikat fit-23 ta' Settembru 2020 mir-rikorrent li kien ser jippreżenta dokumenti fi żmien gimgħa minn dakinhar, sat-12 ta' Novembru 2020, ossija aktar minn sebgħa ġimgħat wara, ebda dokumentazzjoni ma kienet ġiet ippreżentata.

14. Rat illi, għalhekk, fit-12 ta' Novembru 2020, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

15. Rat illi, sa llum, ma saret ebda talba tar-rikorrent biex jiġġustifika n-nuqqas tad-dokumentazzjoni minnu ndikata li ser jippreżenta, u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi għas-sentenza abbażi tal-provi illi għandha.

## Provi

16. Jirriżulta illi r-rikorrent, permezz tal-proċeduri odjerni, qiegħed jilmenta mill-fatt illi kellu proċeduri fil-Qorti, kemm ċivili kif ukoll kriminali, li skont hu bdew fis-sena 1984 u spiċċaw fis-sena 2017.

17. Jirriżulta illi, riżultat ta' tali dewmien fil-proċeduri, ir-rikorrent jikkontendi illi huwa w martu għaddejjin minn ħafna tbatija fiżika u finanzjarja.

18. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi illi nkisrulu ħafna drittijiet li iżda ma setax jelenkahom kollha, iżda saħaq illi ċertament inkisrulu d-dritt fundamentali għas-smiegħ raġjonevoli.

19. Jirriżulta, madanakollu, illi fil-proċeduri odjerni minnu mibdija, ma għamel ebda referenza għal-liema kienu l-kawżi illi fihom huwa jilmenta li kellu ħafna drittijiet leżi u ma ppreżenta ebda dokumentazzjoni w informazzjoni in konnessjoni ma kawżi illi fihom r-rikorrent seta' kien involut u illi fihom huwa jilmenta d-dewmien.

20. Jirriżulta, di fatti, illi, għalkemm rikjest kemm minn dina l-Qorti waqt is-seduti, kif ukoll mill-intimat fid-difiża tiegħu tul il-proċeduri odjerni, r-rikorrent naqas milli jippreżenta d-dokumentazzjoni li obbliga ruħu varji drabi li ser jippreżenta, għajr għall-affidavit tiegħu, fejn ir-rikorrent ripetutament jitlob lill-Qorti tagħmel referenza għall-proċess ta' kawża, liema kawża r-rikorrent qatt ma ndika x'kienet u wisq anqas ma pproduċa kopji tagħha lill-dina l-Qorti.

## Ikkunsidrat

21. Il-Qorti, tibda billi tosserva illi l-proċeduri ta' natura Kostituzzjonali huma, minn natura tagħhom, proċeduri serji, solenni u ta' importanza kbira u għandhom jitqiesu u jingħataw l-importanza illi jistħoqqilhom.

22. Fil-każ odjern, madanakollu, r-rikorrent u min assistieh, wrew disrispett totali lejn il-proċeduri Kostituzzjonali w in-natura serja tagħhom, fejn anke fir-rikors promotur, flok ma ppreżentaw talba "*b'mod konċiż u ċar*" fejn "*il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment*" jiġu ndikati, kif tipprovdi l-Art 3 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, ppreżenta rikors fejn għamel rassejna ta' ġurisprudenza, kemm lokali kif ukoll estera, dwar dewmien fil-qrati <u>filwaqt illi lanqas biss għamel referenza waħda għall-aktar dettall importanti – id-dettalji bażiċi, bħal ismijet u numru jew numri tal-att tal-kawża jew kawżi li, skond ir-rikorrent, għaddewh minn ħafna "tbatija fiżika u finanzjarja"</u>.

23. Dina l-Qorti tippretendi illi, QABEL ma persuna tagħżel illi tipproċedi bi proċedura daqstant solenni u serja bħalma għandha tkun ilment ta' natura kostituzzjonali, fejn il-leżjoni tad-drittijiet tal-bniedem qed jiġu allegati, hija u min jassistiha, għandhom jassikuraw ruħhom illi jippreparaw ruħhom sew u jlestu d-dokumentazzjoni kollha illi għandhom bżonn in sostenn mat-talba tagħhom, **U DANA QABEL MA JIPPREŻENTAW IR-RIKORS PROMOTUR!!**

24. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, fl-aħħar snin, saret drawwa komuni minn nurmu żgħir ta' membri tal-Avukatura illi, għall-iċken ħaġa illi tista' lilhom tirbħilhom aktar dewmien fi proċeduri oħra u/jew li takkwistalhom aktar xogħol, jippreżentaw ilment Kostituzzjonali għal xi dritt <u>fantażma</u> illi huma jikkontendu illi l-klijent tagħhom allegatament sofra, u wara illi jkunu laħqu l-għan tagħhom, tali proċeduri jitħallew jimxu waħedhom sakemm eventwalment jitneħħew minn fuq il-listi tal-Qorti minħabba f'nuqqas ta' attendenza jew inkella jiġu deċiżi kontra tagħhom għax bla bażi.

25. Il-każ odjern huwa ċertament wieħed minn dawk il-kawżi li jiffigura f'tali klassifika ta' azzjonijiet pwerili u frivoli!

26. Filwaqt illi l-Qorti tisħaq illi d-drittijiet tal-Bniedem huma drittijiet illi jistħoqqilhom ir-rispett u l-attenzjoni kollha u għandhom jiġu protetti mill-Qrati, tali drittijiet iġibu wkoll magħhom obbligi fuq min qed jallega l-ksur tagħhom, ossija l-obbligu illi jagħmel xogħolu kif suppost u jipprepara l-każ tiegħu, kemm minn qabel ma jniedi l-proċeduri odjerni, kif ukoll waqt li għaddejjin il-proċeduri.

27. Sfortunatament, jidher illi fil-każ odjern, bħalma qed jiġri ripetutament, filwaqt illi kullħadd jappella għad-drittijiet tiegħu, l-istess persuni jinsew l-obbligi tagħhom, ossija li jaqdu dmirijiethom quddiem il-Qorti u jippreżentaw il-każ tagħhom b'mod ċar u konċiż.

28. Fir-rikors promotur u fl-affidavit ippreżentat sussegwentement mir-rikorrent, ma kien hemm assolutament xejn ċar fih, kemm għax huwa bbażat fuq assunzjonijiet u dikjarazzjonijiet li l-bażi tagħhom, ossija l-kawżi li jilmenta dwarhom ir-rikorrent qatt ma jissemmew u qatt ma ngħatat kwalsiasi tip ta' dettal biex il-Qorti tipprova tinvestga x'seta' kien l-ilment tar-rikorrent, kif ukoll għax naqas milli jindika l-fatti bażiċi tal-każ – ossija l-kawża li dwarha qiegħed jilmenta.

29. Il-Qorti jiddispjaċiha tinnota illi l-attitudni w il-mod kif tmexxiet il-kawża odjerna tirrażenta d-disrispett lejn il-Qrati u, aktar u aktar, il-Kostituzzjoni ta' Malta, li l-Qrati qegħdin hemm biex jipproteġu, u ma tistax ma tikkundannax tali abbuż tas-sistema ġudizzjarja!

30. Il-Qrati qegħdin hemm sabiex jagħtu servizz u sabiex jipproteġu d-drittijiet taċ-ċittadin, iżda ma humiex hemm sabiex jiġu abbużati sabiex persuna tirbħilha aktar dewmien fi proċeduri oħra u/jew li takkwistalhom aktar xogħol.

31. Fil-każ odjern, ir-rikorrent saħaq illi huwa sofra leżjoni għax dam fi proċeduri fil-Qorti għal aktar min tlieta u tletin sena, iżda naqas milli jressaq prova waħda ta' tali dewmien, u għalhekk il-Qorti ma tistax tikkunsidra favorevolment l-ilment tar-rikorrent, filwaqt illi tosserva li jidher ċar li tali ilment huwa wieħed frivolu u vessatorju, a tenur tal-Artkolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti proċesswali kollha ppreżentati quddiemha,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi,

**Tiċħad** it-talba attrici.

**Tiddikjara** l-azzjoni bħala waħda frivola u vessatorja a tenur tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni.

**L-ispejjeż** kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur